Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2002

Numru. 768/2001

**PULIZIJA**
**SPETTUR CHRISTOPHER PULLICINO**

**VS**

**JOHN MAMO**

**Illum 15 ta' Ottubru 2002.**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra  John Mamo ta’ 28 sena, imwieled Pieta’ fis-6 ta’ Dicembru 1972 bin Joseph u Rose nee’ Borg u residenti 15, Msierah Street, San Gwann, bin-numru tal-karta ta’ l-Identita’ 527672 (M);

Talli fis-7 ta’ Settembru 2001 u fix-xhur ta’ qabel din id-data:

B’diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, li gew maghmula b’rezoluzzjoni wahda u cioe’ f’San Giljan, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti mil-lukanda SAS Radisson, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-hin u li sar ghad-detriment tad-dirigenti ta’ l-istess lukanda.

U aktar talli fl-istess zmien, hin u cirkostanzi xjentement laqgha ghandhu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Wara illi rat l-Artikoli 261 et tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imputat John Mamo, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmi imputat hati ta’ kif akkuzat u qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma’ jikkommettix reat iehor fiz-zmien tmintax-il-xahar (18) mil-lum, a tenur ta’ l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

---------------------------------TMIEM---------------------------------